# KAPPILLANI TAL-PARROĊĊA TA' SANTA VENERA

fl-erbgħa ta' Settembru 1918, l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Dun Mawru Caruana O.S.D. iddikkjara r-raħal ta' Santa Venera bħala Parroċċa. Minn dak in-nhar sal-lum, il-Parroċċa ta' Santa Venera kellha diversi Kappillani li b'xi mod jew ieħor taw il-kontribut tagħhom biex il-Parroċċa ta' Santa Venera setgħet tikber u tagħmel progress kbir.



R.P. ĠWANN AZZOPARDI O. CARM
1918 - 1923

L-ewwel Kappillan li ġie maħtur biex imexxi l-Parroċċa ta' Santa Venera kien R.P. Ġwann Azzopardi O. Carm. Qabel laħaq Kappillan, Patri Ġwann kellu l-kariga ta' Viċi Parrokku, li jfisser li kien jieħu ħsieb ir-raħal ta' Santa Venera meta kien għadu Viċi-Parrokku (1913-1918). Huwa baqa' imexxi lill-Parroċċa bħala Kappillan għall-ħames snin sal-1923.

L-ewwel ħidma fil-Parroċċa ta' Santa Venera taħt it-tmexxija ta' Patri Ġwann Azzopardi O. Carm. kienet dik ta' vara ġdida ta' Santa Venera V.M. minħabba li l-oħra kienet żgħira wisq u ma kienitx tajba biex issir il-purċissjoni. Il-ġbir tal-flus għall-vara l-ġdida kien f'idejn is-Sur Tumas Dalli. Patri Ġwann Azzopardi O. Carm. bħala Kappillan bierek l-istatwa l-ġdida ta' Santa Venera V.M. fl-1919.



R.P. INDRI SPITERI O. CARM
1923 - 1935

Wara li Patri Ġwann Azzopardi O. Carm spiċċa minn Kappillan ġie maħtur Patri Indri Spiteri O. Carm. bħala l-Kappillan il-ġdid. Patri Indri Spiteri O. Carm. dam imexxi l-Parroċċa ta' Santa Venera għal tnax-il sena: mill-1923 sal-1935.

Fix-xogħol Pastorali tal-Parroċċa Patri Indri kompla fejn kien ħalla Patri Ġwann. Dan ix-xogħol kien diffiċli minħabba li l-Parroċċa kienet għada ġdida u aktar ma beda għaddej iż-żmien ix-xogħol ta' Patri Indri beda jiżdied minħabba li l-Parroċċa bdiet tiżviluppa u tikber.

Matul it-tmexxija ta' Patri Indri, is-Sur C. Borda, ta statwa ta' Santa Tereża lill-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera.



R.P. ALFONZ ZAMMIT O. CARM
1935 - 1946



R.P. WISTIN CARUANA O. CARM
1946 - 1961

Fl-1953 Patri Fonz Zammit O. Carm ġie maħtur bħala it-tielet Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Venera. Huwa dam imexxi l-Parroċċa għal ħdax-il sena sal-1946.

Matul il-ħidma tiegħu, Patri Fonz irnexxielu jakkwista dar Kbira (Chateau Lonz) mingħand l-aħwa Apap. Din id-dar aktar il-quddiem bdiet isservi u għada sal-lum il-ġurnata bħala ċ-Ċentru Parrokkjali. Huwa akkwista wkoll biċċa għalqa fi Fleur-de-Lys fejn fl-14 ta' Jannar 1945 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja ta' Fleur-de-Lys. Fl-1975 din il-Knisja ġiet maqtugħa minn dik ta' Santa Venera u saret Parroċċa għaliha.

Patri Fonz Zammit O. Carm. għadu mimli bil-għomor u qiegħed jgħix fil-Kunvent tal-Balluta ġewwa San Ġiljan.

Wara Patri Fonz Zammit O. Carm. ġie maħtur Kappillan Patri Wistin Caruana O. Carm. Patri Wistin huwa l-iktar Kappillan li dam fil-Parroċċa ta' Santa Venera fejn matul ħidma ta' ħmistax-il sena huwa wettaq diversi ħidmiet fil-Parroċċa.

Fl-1947 Patri Wistin Caruana O. Carm. fetaħ il-Kappella tax-Chateau Lonz li qabel kienet f'idejn ir-Royal Air Force u li ngħatat lill-Patrijiet Karmelitani mill-aħwa Apap (Fi żmien Patri Fonz Zammit O. Carm.). Il-Patrijiet Karmelitani ġew mogħtija biċċa art li wara ġiet mibdula ma' biċċa art oħra mill-aħwa Zammit għall-bini tal-Knisja l-Ġdida ta' Santa Venera. Patri Wistin mill-ewwel beda l-ħidma tiegħu biex il-proġett tal-Bini tal-Knisja l-ġdida jkun jista' jibda. Huwa beda jħeġġeġ il-poplu Vendriż fl-appelli tiegħu biex kulħadd jagħmel l-almu tiegħu kollu biex jinġabru l-flus biex il-Knisja l-Ġdida ta' Santa Venera setgħet tibda tinbena kemm jista' jkun malajr għax il-Parroċċa kienet qed tikber ġmiela u kien qed jinħass sew il-bżonn tal-bini ta' Knisja ġdida akbar mill-knisja l-qadima li saret żgħira għall-popolazzjoni tar-raħal ta' Santa Venera. fil-fatt fl-1956 ġiet maħtura l-ewwel kummissjoni għall-bini tal-Knisja l-ġdida ta' Santa Venera u Patri Wistin Caruana kien prokuratur tagħha flimkien ma' Patri Nerik Zahra O. Carm.

Patri Wistin Caruana O. Carm., temm il-ħidma twila tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Venera fl-1961.

Patri Kiljan Azzopardi O. Carm., ġie maħtur bħala il-Kappillan il-ġdid wara Patri Wistin Caruana O. Carm.

Matul ħidma ta' sitt snin, Patri Kiljan Azzopardi O. Carm. kompla miexi fuq il-linji tal-Kappillan ta' qablu rigward il-bini tal-Knisja l-ġdida ta' Santa Venera, li x-xogħol fiha beda miexi mhux ħażin. Iżda Patri Kiljan Azzopardi O. Carm. l-iktar li jibqa' jissemma huwa għat-twaqqif tal-Banda Santa Venera V.M. Patri Kiljan kien ta ħafna nkoraġġiment u strumentali biex fl-1964 twaqqfet il-Banda Santa Venera V.M. u b'hekk ir-raħal ta' Santa Venera kellu l-Banda tiegħu bħal kull belt u raħal ieħor. Illum Patri Kiljan huwa President Onorarju ta' l-istess Soċjetà.

Patri Kiljan temm il-ħidma tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Venera fl-1967. Illum Patri Kiljan huwa l-Pirjol fil-Parroċċa fil-Fgura.



R.P. KILJAN AZZOPARDI O. CARM
1961 - 1967

Patri Franġisk Grech O. Carm. ġie maħtur bħala s-sitt Kappillan ta' Santa Venera. Patri Franġisk kellu ħidma twila ta' tnax-il sena.

Patri Franġisk Grech O. Carm. mexxa ċ-ċelebrazzjonijiet li saru fl-okkażjoni ta' għeluq il-Ħamsin sena minn mindu r-raħal ta' Santa Venera sar Parroċċa. Patri Franġisk mill-ewwel intefa' b'ruħu u ġismu jaħdem għall-bini tal-Knisja l-ġdida ta' Santa Venera V.M. Fil-fatt huwa kellu sehem kbir fil-ġbir tal-fondi għall-bini tal-Knisja. Matul l-ewwel snin tal-ħidma tiegħu fil-Parroċċa eżattament fid-19 ta' Marzu 1969, sar il-ftuħ u t-tberik solenni tal-Kripta tal-Knisja l-ġdida. Matul il-kumplament tal-ħidma tiegħu huwa baqa' jirsisti biex jinġabru l-fondi biex il-Knisja il-ġdida tkun tista' titkompla.

Patri Franġisk Grech O. Carm. ta kontribut lill-Festa ta' Santa Venera V.M. Huwa ġie maħtur Prokuratur tal-Kumitat tal-Festa fl-1977. Huwa kien ukoll Direttur Spiritwali tal-Każin tal-Banda Santa Venera V.M.



R.P. FRANĠISK GRECH O. CARM
1967 - 1979

Huwa spiċċa minn Kappillan fl-1979. Illum Patri Franġisk Grech wara xi żmien nieqes reġa' qiegħed fil-Parroċċa ta' Santa Venera. Huwa reġa' ta spinta mill-ġdid u qed jaħdem biex il-Knisja l-ġdida titkompla għad unur il-Padruna tagħna Santa Venera V.M.



R.P. ĠUŻEPP FALZON O. CARM
1979 - 1988

Patri Ġużepp Falzon O. Carm. ġie maħtur bħala il-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' Santa Venera. Bħal kull Kappillan ieħor Patri Falzon matul il-ħidma tiegħu ta' disa' snin ħabbat wiċċu ma' diversi problemi. Matul is-snin, il-Parroċċa ta' Santa Venera kompliet tikber u għalhekk ix-xogħol pastorali fil-Parroċċa baqa' dejjem jikber u jiżdied.

Minn barra x-xogħol pastorali li Patri Falzon kellu huwa ta kontribut kbir lill-festa ta' Santa Venera V.M. Eżattament malli ġie fil-Parroċċa huwa ġie maħtur Prokuratur tal-Kumitat tal-Festa. Wara xi snin il-Kumitat ma baqax jiffunzjona u l-Festa għal tlett snin sħaħ marret il-baħar. Fl-1984, eżattament fil-25 ta' Ottubru, Patri Falzon ħaseb biex jerġa' jitwaqqaf il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. mill-ġdid. Fl-istess sena bdiet il-ħidma fuq l-armar li kien kważi spiċċa kollu. Diversi toroq bdew jagħmlu l-pavaljuni fosthom insibu l-famuż sett ta' Triq il-Kbira San Ġużepp.

Fl-1985 fuq inizzjattiva tal-Kappillan flimkien mal-Pirjol Patri Tumas Gatt O. Carm. bdiet ir-restawrazzjoni tal-Vara ta' Santa Venera V.M. wara saret l-induratura tal-pedistall fuq l-inizzjattiva ta' xi nies flimkien mal-Kappillan u l-Pirjol. Fl-istess sena saru wkoll erba' fjuretti u girlanda ġodda.

Patri Ġużepp Falzon O. Carm. temm il-ħidma tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Venera fl-1988. Patri Damian Cachia O. Carm. ġie maħtur il-Kappillan il-ġdid.



R.P. D. CACHIA O. CARM
1988 -

Stephen Cachia